Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

**Appell Numru: 134 / 2019**

Il-Pulizija

vs

**Noel Abdilla**

Illum, 28 ta' Lulju, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Noel Abdilla, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 6288 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018) ghall-habta tal-erbgha u nofs ta' wara nofs inhar (16:30) fi Triq Valletta, Kirkop, saq il-vettura bin-nurnru ta' registrazzjoni KBR 063:

1. B'manjiera perikoluza,
2. U aktar talli saq l-imsemrnija vettura b'manjiera traskurata.

3. U aktar talli saq l-imsemmija vettura b'manjiera bla kont,
4. U meta kien involut f' incident tat-traffiku ma' vettura nurnru LCS 117 naqas milli jieqaf u meta kien mehtieg naqas li jaghti l-partikolaritajiet tieghu u d-dettalji tal-vettura li kien qed isuq kif mitlub bil-ligi u / jew li jirraporta l-imsemmi incident lill-Pulizija jew Gwardjan Lokali,
5. U b' nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, hbatt ma' vettura numru LCS 117 u nvolontarjament ikkagunajt hsarat ghad-dannu ta' Glen Chris Farrugia.

Il-Qorti ntalbet sabiex tordna li l-imputat jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-6 ta' Mejju, 2019, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 15 (1) (a) u (2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, sub-Regolamenti (1) u (5) tar-Regolarnent 67 tar-L.S. 65.11 328 (d) tal-Kap. 9, tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti, sabet lill-akkuzat hati tal-ewwel, ir-raba' u l-hames akkuza filwaqt li rna sabitux hati tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet stante li dawn kienu akkuzi alternattivi u minnhom illiberatu skond il-ligi, u ikkundannat lill-istess imputat ghall-piena tal-multa fis-sornrna ta' €1,200 (elf u rnitejn euro) u ordnat li skwalifika tal-licenzji kollha tas-sewqan tieghu ghal zmien 3 (tlett) xhur li bdew isehhu mill-murnent li din il-kawza tghaddi in gudikat.

Rat ir-rikors tal-appellanti Noel Abdilla minnu pprezentat fl-10 ta' Mejju, 2019, fejn talab lil din il-Qorti **joghgobha tirriforma is-sentenza appellata dan billi filwaqt illi tikkonferma dik il-parti fejn illiberat lill-imputat mit-tieni u tielet imputazzjonijiet, tvarja dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-imputat hati tal-ewwel, ir-raba' u l-hames akkuzi u tilliberah minn kull htija u piena u dan taht kull provvediment li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.**

Rat l-aggravji tal-appellanti Noel Abdilla huma s-segwenti:

1. **L-Ewwel Aggravju - Apprezzament zbaljat tal-fatti li wasslet ghal sejbien ta' htija ta' sewqan perikoluz**

Fis-sentenza taghha, wara li ccitat ix-xhieda prodotti u senjatament dawk tal-kwerelant Glenn Farrugia, Michaela Vella u Valerie Scerri, l-ewwel Onorabbli Qorti rriteniet illi l-appellant ma zammx il-*lane discipline* u qaleb il-karreggjata minghajr raguni valida. Irriteniet ukoll illi l-appellant zamm brejk u "ghal xi raguni rriversja lura" u habat mal-vettura LCS 117. Ghaldaqstant iddecidiet li l-agir tal-imputat kien jammonta ghal *sewqan perikoluz* ghaliex skont il-Qorti dan kien jammonta ghal agir perikoluz.

Bir-rispett kollu l-Qorti ghamlet ezercizzju skorrett fl-apprezzament tal-provi. Dan jista jintwera f' diversi konsiderazzjonijiet li ghamlet il-Qorti meta xtarret ic-cirkostanzi partikolari relatati mad-dinamika tal-incident:

**(a) Il-bdil fil-karregjati tal-appellant u l-manuvra tieghu**

Il-Qorti strahet fuq ix-xhieda ta' Glenn Farrugia, Michaela Vella u Valerie Scerri li l-appellant allegatament serrep u biddel il-karregjata, naqas milli juza dixxiplina fit-triq u li dan kien jammonta ghal sewqan perikoluz. Bir-rispett kollu pero' l-fatti oggettivi qajla jistghu jwasslu sal-prova rikjesta fil-kamp penali li dan huwa filfatt dak li gara. Jigi rilevat:

(i) A fol. 2 il-Qorti ghamlet sintezi tax-xhieda ta' Glen Chris Farrugia. Skont il-Qorti l-istess Farrugia qal illi *"…meta kienu waslu fejn ir-roundabout tal-airport lejn il-Qrendi harget karozza minn hdejn l-airport. Huwa paqpaq il-horn*

*u baqa' sejjer. Kif kompla ghaddej beda* ***jross vann*** ***<u>minn warajh.</u>*** *Skont ix-xhud il-vann saq u telaq"* (emfazi mizjud)

(ii) A fol.2-3 Michaela Vella giet irrapurtata tixhed illi *"Minn* ***warajhom gie vann li beda jross maghhom****, dahal quddiem il-karregjata taghom, qabizhom, zamm brake u* ***dahlu fih".***

(iii) A fol 3 Valerie Scerri giet irrapurtata tixhed illi *"… sabet ruhha fil-****fast lane*** *u quddiemha kien hemm il-vann bin-numru KBR 063 u kien tal-ghamla pick-up. Skont ix-xhud, il-vann ma bediex miexi dritt. Il-vann beda* ***jissikka l-karozza l-ohra li kienet fis-slow lane****. Il-vann beda jiswervja. F' hin minnhom il-vann ghafas il-gass, qabez fuq in-naha l-ohra, ghafas il-brake u semghet il-habta".*

(iv) A fol 4 il-Qorti tikkumenta fuq il-verzjoni tal-fatti li Valerie Scerri kienet tat *a tempo vergine* tal-pulizija meta qalet: *"Meta qabzu u saq ghal quddiemu u jien qbisthom u* ***mil-mera rajt*** *l-van jahbat gos-Suzuki".* Din hija verzjoni **kompletament** differenti minn dik li tat l-istess xhud il-Qorti.

Kif wiehed jista' jara *icto oculi,* mit-tliet xhieda johorgu tliet verzjonijiet tal-fatti <u>differenti</u>. Glenn Farrugia jixhed illi l-appellant kien **wara u beda jross minn wara. Fl-ebda hin ma jsemmi ttrassis mill-genb.** Michaela Vella tghid illi l-vann ta' l-appellant **gie minn wara, rass maghhom, gie quddiemhom** u zamm brejk. Izda Valerie Scerri qalet illi **l-appellant minn dejjem kien quddiemha fil-*fast lane*. Beda jross u qaleb karreggjata.** Valerie Scerri aghar minn hekk tat verzjoni KOMPLETAMENT differenti fir-rapport lill-pulizija. Dakinhar qalet li mill-mera taghha rat li warajha l-appellant habat mal-vettura l-ohra minkejja li kienet quddiem (minkejja li Michaela Vella tikkonferma li kienu huma li dahlu fl-appellant!)

Ghalhekk Glenn Farrugia ma jsemmix illi l-appellant rasshom, Michaela Vella tghid illi l-appellant gie minn wara, gie hdejhom u quddiemhom. Valerie Scerri tghid illi l-appellant dejjem kien fil-*fast lane* u qaleb karregjata ghal fuq l-*slow lane*, meta Scerri kienet tat verzjoni differenti ta' dak li rat warajha (?!) mill-mera u mhux ukoll quddiemha!

Altru milli provi konkordanti u inewkwivoci, dawn it-testimonjanzi huma kunfliggenti u jaghtu tliet dinamici differenti li wasslu ghall-incident awtomobilistiku. Din id-divergenza fit-testimonjanzi wahedha messha wasslet lill-Qorti biex tiskarta dawn il-provi. Fuq kollox ma hemm **EBDA raguni** ghalfejn il-Qorti skartat ghal kollox l-verzjoni tal-appellant minkejja li l-istess Qorti rriproduciet dak li l-appellant qal lill-pulizija *a tempo vergine*. L-appellant spjega kif kien wieqaf fit-traffiku mar-*round about* ta' Vjal l-Avvjazzjoni il-Gudja. Induna illi l-vettura ta' quddiemu, li kellha n-numru ta' registrazzjoni LCS 117, kienet qed tinstaq b' mod erratiku u nduna li x-xufier beda jitlewwem mal-passiggier fl-istess vettura. Ghalhekk issorpassa l-vettura LCS 117. Waqt li kienu wara xulxin l-appellant li kien qed isuq KBR 063 waqaf peress li kien hemm it-traffiku u l-vetturi quddiemu kienu waqfu. F' hin minnhom LCS 117 baqghet diehla minn wara gewwa l-vettura KBR 063.

Fil-fatt tirrizulta aktar verosimili l-verzjoni ta' l-appellant, u cioe' li wara li fil-vettura LCS 117 ix-xufier u l-passiggier bdew jitlewmu, huwa ghamel manuvra ta' sorpass li rnexxiet. Peress illi kien hemm it-traffiku huwa waqaf fit-traffiku. Il-kwerelant Glenn Farrugia, distratt kif kien jiggieled mal-passigiera, ma ndunax illi l-vettura quddiemu (dik tal-appellant) kienet waqfet u konsegwentament kien il-kwerelant li effettivament habat fl-appellant.

**(b) Ma hu minnu xejn illi l-appellant f'xi hin irriversja ghal fuq il-kwerelanti**

L-ewwel Onorabbi Qorti fil-konsiderazzjonijiet taghha taghmel taghha x-xhieda ta' Michaela Vella u tikkumenta illi l-appellant *"ghal xi raguni"* irriversja fuq il-kwerelanti. B' kull dovut rispett din ix-xhieda hija kontradetta mhux biss mix-xhieda tal-imputat illi gie ccitat fis-sentenza (mill-affidavit tal-pulizija) izda adirittura mix-xhieda l-ohra tal-prosekuzzjoni;

(i) Michaela Vella a fol 3 tigi ccitata li tghid *"dahal quddiem il-karregjata taghhom, qabizhom, zamm brake u dahlu go fih. Ix-xhud kompliet ghid li x-xufier tal-vann* ***irriversja bihom****"*.

(ii) Glen Chris Farrugia xehed illi *"kif kompla ghaddej beda jross vann minn warajh. Skont ix-xhud il-vann* ***saq u telaq****"*.

(iii) Valerie Scerri a fol 3 tghid illi hija rat il-vann diehel fil-karregjata l-ohra u seghmat l-impatt. A fol 4 il-verzjoni riportata mill-pulizija kienet illi mill-mera rat l-impatt tal-vann mal-vettura l-ohra.

**Fi kliem iehor filwaqt illi Michaela Vella tghid li huma dahlu fl-appellant, wara inspjegabbilment tghid li l-appellant irriversja bihom (?!). Ix-xufier pero' ighidilna illi l-appellant ma ghamel EBDA manuvra ta'** ***reverse*****, izda l-appellant SAQ U TELAQ. Valerie Scerri imkien ma tara xi manuvra ta'** ***reverse*****.** Kif setghat allura l-ewwel Onorabbli Qorti ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni illi l-appellant ghamel xi manuvra ta' *reverse*?!

Kif setghet tiskarta l-fatt illi x-xufier u kwerelant ma jsemmi ebda *reverse*, ix-xhud Valerie Scerri ma ssemmi xejn u l-imputat *a tempo vergine* wkoll jikkontradici l-fatt li kien hemm manuvra ta' *reversing*? Kif setghat tiskarta dan kollu pero' tasal ghall-konviciment morali u certezza 'l hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li sehh dan ir-*reversing*?

L-aqwa prova oggettiva pero' li ma sar ebda "reversing bihom" huwa l-fatt illi Michaela Vella tixhed illi l-allegat danni li garrbet kienu fil-bonnet, din essendo Suzuki Swift illi hija maghrufa bhala "*compact car" li* hija zghira u baxxa. Jekk verament *pickup* jirriversja bik b'tant sahha li jressqek lura, meta l-vettura l-ohra hija Suzuki Swift u l-*pickup* ghandu wara gholi, wiehed kien jistenna hsara estensiva **li wassal sal-*windscreen*** peress illi l-pickup kien zgur jirkeb fuq il-vettura l-ohra!

**In konkluzzjoni allura l-ewwel Onorabbli Qorti, b' kull dovut rispett, kienet skorretta meta qieset illi l-appellant beda jross mal-vettura l-ohra u qaleb karregjata ghall-gharrieda mhux biss ghaliex hija mxejna mill-appellant izda kontradetta mid-diversi verzjonijiet tax-xhieda moghtija. L-istess jinghad fir-rigward tal-manuvra tar-reversing illi giet msemmija biss minn Michaela Vella, izda mhux mix-xhieda l-ohra, lanqas mix-xufier tal-vettura LCS 117 stess.**

**Isegwi ghalhekk illi l-ewwel Onorabbli Qorti minhabba l-kunflitt ta' provi ma setghatx issib nuqqas fis-sewqan tal-imputat wisq anqas issibu hati ta' sewqan perikoluz rakkjuza fl-ewwel imputazzjoni.**

2. **It-Tieni Aggravju – Nuqqas ta' motivazzjoni li wasslet ghal sejbien ta' htija ta' sewqan perikoluz**

Il-Qorti wara li ghamlet riassunt taghha tal-provi u wara li ccitat sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, sabet lill-appellant hati ta' sewqan perikoluz. Din hija l-forma l-aktar serja ta' sewqan projbit. Il-Qorti ma tat ebda raguni ghalfejn skont l-istess Qorti l-fatti li skont l-istess Qorti kellhom isawru l-bazi ta' xi forma ta' htija wasslu lil Qorti sabiex tqis li l-allegat agir tal-appellant kien dak ta' sewqan perikoluz u mhux ukoll dak ta' sewqan bla kont jew traskurat.

Isegwi ghalhekk illi s-sentenza ghandha fiha mankanza essenzjali li kellha tigi ndirizzata ossia motivazzjoni ghaliex stabiliti l-fatti mill-ewwel Onorabbli Qorti (u skont l-istess Qorti) il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li dawn isawru s-sewqan

perikoluz u mhux ukoll imputazzjoni ohra minn dawk alternattivi moghtija fl-imputazzjoni originali.

**3. It-Tielet Aggravju – Nuqqas ta' prova dwar id-danni sofferti**

L-ewwel Onorabbli Qorti sabet lill-appellant hati talli kkaguna danni involontarji fil-vettura LCS 117 ghad-dannu ta' Glen Chris Farrugia.

Fl-ewwel lok jigi rilevat illi prova oggettiva ta' min hu l-propretarju tal-vettura LCS 117 ma ngabitx. L-ewwel Onorabbli Qorti taghmel taghha x-xhieda ta' Stephen Cachia li xehed dwar il-vettura KBR 063 u mhux ukoll dwar il-vettura LCS 113. Filwaqt illi l-imputazzjoni hija dwar hsarat involontarji ikkagjonati ghad-dannu ta' Glen Chris Farrugia, l-ewwel Onorabbli Qorti tikkwota lil Michaela Vella li ddeskriviet *"… il-hsara li vettura **taghha** garrbet…"* (emfazi mizjud).

Il-vettura hija ta' Glen Chris Farrugia jew Michaela Vella? Kif tista l-Qorti tirreferi ghall-hsara li Michaela Vella ddeskriviet fil-vettura TAGHHA izda tikkundanna lill-appellant ghal hsarat ikkagjonati allegatament lil Glen Chris Farrugia?

Aktar minn hekk, prova oggettiva tal-hsarat ma saritx. Jekk l-imputazzjoni kienet ghal hsarat ikkkagjonati lil Glen Chris Farrugia kien jispetta lil Glen Chris Farrugia jressaq prova tad-dannu jew hsara. Huwa pero' baqa' sieket dwar dan fix-xhieda tieghu

L-uniku provi li saru dwar allegat dannu kienu:

(a) Xhieda ta' Michaela Vella li ddeskriviet hsara fil-vettura taghha bhala hsarat fl-*airconditioner*, *bonnet* u partijiet ohra;
(b) Affidavit ta' PS 1429 Eric Mangion li qal li ra daqqa fuq il-*bumper* ta' quddiem, daqqa fuq il-*bonnet* u x-xibka.

Fl-ewwel lok illi lanqas ix-xhieda ma huma qed jaqblu dwar il-hsarat fil-vettura. Dawn id-deskrizzjonijiet huma fil-fatt differenti. Aghar minn hekk ma ngabet ebda prova li

dawn l-allegati hsarat gew ikkagjonati b'rizultat tal-incident awtomobilistiku (u li dawn ma kienux prezenti qabel l-incident).

**Fuq kollox dawn id-deskrizzjonijiet vagi u kunfliggenti ma jistghux jikkostitwixxu prova oggettiva tal-hsarat allegatament sofferti mill-kwerelant Glenn Chris Farrugia. Ghalhekk l-ewwel Onorabbli Qorti ma setghatx ragjonevolment issib htija tal-imputat fil-hames imputazzjoni.**

4. **Ir-Raba Aggravju – Ma hu minnu xejn li l-appellant ma fornix dettalji tieghu**

Il-Qorti sabet htija fir-raba' imputazzjoni minghajr ma tispjega kif u ghaliex sabet din il-htija. Hu minnu illi Chris Glen Farrugia xehed li l-appellant *saq u telaq*. Izda jekk il-Qorti riedet temmen din il-verzjoni messha wkoll hadet in konsiderazzjoni illi allura l-appellant ma rassx lil LCS 117 jew li ghamel manuvra ta' *reverse*, ghaliex hekk qal l-istess Chris Glen Farrugia.

Mela skont il-Qorti l-appellant ma saqx u telaq.

Fil-fatt sar diverbju bejn iz-zewg xufiera u sar rapport mill-appellant peress illi x-xufier ta' LCS 117 kellmu oxxen, akkuza li sfortunatament waqghet preskritta qabel ma nstema' l-kaz. Dan ir-rapport pero' huwa citat mill-Qorti.

Allura jekk fil-fatt il-partijiet waqfu u tkellmu (jew tlewmu), kif jista' jinghad illi l-appellant *qabad u saq?*

Ma hemm EBDA prova ta' din l-akkuza. Fil-fatt bejn il-partijiet sar diskors u proprju ghaliex kienet il-vettura **LCS 117** li kienet il-kawza tal-incident meta din dahlet fil-vettura ta' appellant, u l-appellant ma sofrix hsarat, li l-partijiet iddecidew li jitiliqu minn fuq il-post. Issa jekk wara l-kwerelant ghogbu japprofitta mis-sitwazzjoni u jaghmel rapport (ghal finijiet tieghu), ma jistax dan isarraf f'allegat reat maghmul mill-appellant.

**Il-Qorti ma kellha ebda bazi oggettiva fattwali sabiex issib htija fir-raba' imputazzjoni.**

Rat l-atti kollha tal-kawza u semghet ix-xhieda prodotta quddiemha.

Ikkkunsidrat.

**PS 1429 E. Mangion** iddikjara fl-affidavit tieghu li nhar it-28 ta' Mejju, 2018 ghal habta tal-5.00 p.m waqt li kien xoghol l-ghassa tal-pulizija taz- Zejtun Glenn, Glenn Chris Farrugia u Michaela Vella irraportaw li Glenn kien qieghed isuq u kienu ghaddejjin minn go triq Vjal l-Avvjazzjoni, Gudja bil-vettura taghhom bin-numru tar-registrazzjoni LCS 117 tal-ghamla Suzuki waqt li kien hemm van bin-numru ta' registrazzjoni KBR 063 tal-ghamla Mitsubishi misjuq minn ragel li kien laqatlu l--vettura taghhom u baqa' sejjer minn fuq il-post.

Glen Chris Farrugia qallu " *waqt li kont ghaddej insuq bil-vettura ta' registrazzjoni LCS 117 tal ghamla Suziki fi triq l-Avjazzjoni Gudja ezatt qabel tidhol fil-mini ta' Hal Kirkop, met akien hemm van bin-numru ta' registrazzjoni KBR 063 tal-ghamla Mitsubishi fejn waqt li kein ghaddej qabad u dar quddiemi u jien bqajt diehel fuqu, fuq in-naha ta' wara tal-vettura teighu u fejn f'daqqa wahda da nil-van rega irriversja fuqi u bit-tow bar tal-van tieghu ghamilli hsarat fuq il-karozza. Dan il-van qabad u saq u harab minn fuq il-post."*

Zied jghid li passigiera mieghu kien hemm Michaela Vella.

Huwa kellem lil Michaela Vella u din stqarret li "*waqt li kien qed isuq l-vettura gie van iswed minn naha tal-genb u qabad u dahal quddiemu f'daqqa wahda qabad u irriversja fuqna u bqajna imwahlin u mexina lura bil-van tieghu u f'daqqa wahda qabad u saq minn fuq il-post.'*

Ix-xhud stqarr li ra l-hsarat fuq il-vettura LCS 117 tal-ghamla Suzuki fjn bhala hsarat kien hemm dawn, daqqa fuq il-bumber ta' quddiem, daqqa fuq il-bnnet ta' quddeim u kif ukoll ix-xibka ta' quddiem. Huwa ghamel l-investigazzjoni tieghu fejn minn fuq is-sistema tal-pulizija irrizulta li l-vettura KBR 063 tal ghamla Mitsubishi qeda registrata

fuq Noel Abdilla fejn din il-persuna giet ikkonfermata mill-kwerelanti li kien qed isuq il-van KBR 063.

Huwa ghamel kuntatt ma Noel abdilla l-appellant fejn infuramh bir-rapport li kellu u dan mar l-ghassa u ta' l-versjoni tieghu. Stqarr li ghal habta tal-4.30pm ghadda mill-mini ta' Hal Kirkop biex immur ghand it-tfajla z-Zurrieq izda stqarr li ma laqat l-edba vettura. Huwa ra jekk il-van bin-numru ta' registrazzjoni KBR 063 tal-ghamla Mitsubishi ghandhiex hsara izda din ma kellhiex hsara purche kellha bocca (tow bar).

Dakinhar stess fit-28 ta' Mejju, 2018 ghal habta tas-7.20 .am l-ghassa tal-pulizija marret Valerie Scerri fejn din stqarret li kient qed issuq wara l-vettura LCS 117 tal-ghamla Suzuki fejn kien hemm van iswed li beda jrossha imbaghad kif ghaddiha beda jipprova jidhol gil-vettura ta' quddiemha bin-numru ta' registrazzjoni LCS 117 tal-ghamla Suziuki li beda jipprova iross maghha. Meta qabzu u saq ghal quddiemu u hija qabzithom u mill-mera rat l-van jahbat gos-Suzuki.

L-ghada 29 ta' Mejju, 2018 ghall-habta tas-7.30 a.m l-appellant mar l-ghassa fejn irraporta illi lejliet kien wieqaf fit-traffiku tar- raoundabout ta' Vjal l-Avvjazzjoni, Gudja meta quddiemu kien hemm vettura reg numru LCS 117 tal- ghamla Suzuki Swift u hargulu xi vetturi minn Hal Far u kif ghadda tas- Suzuki beda jaghmel xi mossi b'idu u beda jitlewwem mieghu. Qal li qabzu u hares lejh u baqa' sejjer. Dan tas-Suzuki lahqu u kelmu hazin billi ghajjat u qallu 'orrajt gbiin, xi zobb qed thares f'… il-l.. ommok u l-familja tieghu u nizel ha jiggieldu u nehha s-seat belt. Abdilla qal li saq u gie warajh u mal-liwja qabel taqbez l- mina bbrekja ghaliex kien hemm karozza quddiemu u hu baqa' diehel fiha, tefa il-van fil-genb halli jara l- hsara li kellu u x'hin hares fil-mera b'xi haga f'idu li ma gharafx x'kienet saq biex jevita konflitt

Huwa rega tkellem ma Glen Chris Farrugia u infurmah b' dan ir-rapport u dan qal li ma kienx veru li kelmu u li nehha is seat belt u mhux veru li hareg ghalih u qal ukoll li l-ewwel l-appellant qal li ma kien gara xejn u issa kien qed ighid li kien ser ihebb ghalih.

Rat l-affidavit ta' **Stephen Cachia** mahluf minnu nhar id-19 ta' Novembru, 2019 fejn kkonferma ghan nom ta' Transport Malta li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni KBR 063 tal- marka Mitsubishi L 200 ta' kulur Iswed hija registrata fuq l-appellant u ilha hekk registrata fuq sa mis 6 ta' Diembru, 2017.

Rat illi skond il-verbal tal-ewwel Qorti datat 3 ta' Dicembru, 2018 kienu xehedu Glenn Farrugia , Michaela Vella u Valerie Scerri pero x-xhieda taghhom ma hiex dattilografata u ghalhekk din l-Qorti kellha terga tisma ix-xhieda mil-gdid.

Illi nahr is-7 ta' Lulju 2020 xehed mill-gdid **Glenn Chris Farrugia.** Dan spjega illi nhar it-28 ta' Mejju, 2018 kien qieghed isuq il-vettura tal gharusa tieghu kienu sejrin id-dar il-Qrendi u meta waslu lejn ir-roundabout ta' hdejn l-ajruport hargu xi karozzi mid-direzzjoni ta' Hal Far. Waqt li kien fuq ir-roundabout gie Mitsubishi Van numru ta' registrazzjoni KBR 063 isuq bis-sahha u waqaf quddiemu u imbaghad saq bir reverse ghal go fih u kkagunalu hafna hsara. Ikkonferma li l-vetttura li kien qed isuq hija proprjeta ta' l-gharusa tieghu Michaela Vella. Ikkonferma li l-appellant li gharaf prezenti fl-awla zamm brejk irivesja u saq 'l quddiem u dan meta kien qabzu mil-genb u dahal quddiemu. Jghid ukoll li appena gara hekk saq 'l hemm.

Mistoqsi jekk jgharafx lill-appellant jghid li gharfu ghaliex saq ma genbu ghal xi hin qabel ma dahal quddiemu. Ikkonferma li imbaghad mal habta huwa waqaf u mar mal genb u ftit wara waqfet mara li kienet qed issuq certu Valerie Scerri. Meta rega gie mistoqsi dwar il-manuvra li ghamel l-appellant jghid li dan qabez ghal quddiemhom ghall- gharrieda imbaghad kien hemm l-impatt irriversja ghal fuqhom u telaq 'l hemm Ikkonferma li l-hsara kienet fix-xibka ta' quddiem u fil-bumper.

**Michaela Vella** xehdet u kkonfermat dak li qal l-gharus taghha Glen. Tghid li l-appellant qabizhom hdejn ir- roundabout ta' Mc Donalds u beda iross maghhom, waqfu ghax kien hemm karozza hierga mid direzzjoni ta' Hal Far u kif kienu sejrin fit triq dritta gie il-van iswed tal-appellant qabizhom waqaf hesrem u irriversja ghal go fihom.

Ftit wara li kienu wieqfa waqfet Valerie Scerri u cemplu lill-pulizija.

Tghid li l-appellant tgharfu ghaliex kien qed isuq ma genbhom qabel l-impatt. In kontro esami irrepetiet li kien l-appellant li irriversja ghal go fihom u baqa' sejjer Ikkonfemat ukoll li l-vettura Suzuki hija propjeta taghha.

**Valerie Sceri** xehdet u kkonfemat li nhar it-28 ta' Mejju, 2018 kienet qed issuq hdejn **ir** round about tal- Mc Donals ta' hdejn l- ajruport. Kienet fuq il-*fast lane* u quddiemha kien hemm van li kien qed iserrep. Il-van kien qed jissika l-karozza l-ohra li kienet fuq is-*slow lane.* Wara l-van beda jiswervja. Ikkonfermat li l-van kien iswed bin numru ta' registrazzjoni KBR 063.

F'hin minnhom tghid li l-van ghafas il-gass qabez fuq in-naha l-ohra ghafas il-break u semghet il-habta.

Wara l-incident waqfet u cemplet lill-pulizija. Mistoqsija min kien fil-*pick up* tghid li ma tafx u dan ghaliex il-van kien quddiemha u kiser f'daqqa.

Rat illi b'rikors datat 25 ta' Ottubru, 2019 fejn l-appellant talab li jghati ix-xhieda tieghu peress li x-xhieda tal-kwerelanti ma hiex dattilografata beza li ibidlu x-xhieda taghhom u b'hekk jkun penalizzat .

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' Novembru 2019 fejn rriservat li tipprovdi dwar tali talba una volta jixhdu ix-xhieda tal-prosekuzzjoni u l-appellant jkun f'posizjoni jara jekk fil-fatt kienx ser jigi pregudikat b'dak li qalu. Nhar is-7 ta' Lulju 2020 l-appellant gie awtorizzat jixhed.

L-appellant Noel Abdilla stqarr li kien ghaddej bil-vettura tieghu tal-ghamla Mitsubishi ta' kulur iswed sejjer lejn hal Kirkop u fit triq kien hemm Suzuki. Stqarr li kien hemm hafna traffiku. F'xi hin ra is-sewweiq ta' quddiem jitlewwem u fid-daqqa u l- hin harget karozza mid-direzzjoni ta' Hal Farr u ta' quddiemu sslowja. Huwa qabizha u mar fuq il-fast lane. Jghid li l-kwerelant Glen laqtu u mar warajh. Huwa waqaf u bbrekja u l-

appellant dahal go fih. Jghid li mhux minnu irriversja ghal go fih ghaliex kieku fuq il-bonet telghalu .

Mistoqsi jekk marx jghamel rapport l-ghassa dwar dan l-incident jghid li ma marx ghaliex hsara ma kellux . Jghid li l-pulizija baghtu ghalih u spejgalhom li ma kienx habat. Mistoqsi ghaliex wara rega mar ghand il- pulizija u biddel il-versjoni ighid li kien kellem lill-avukat tieghu u hass li kellu imur jispejga dak li kien gara u kien ghalhekk li rega mar l-ghada ta' meta sar ir- rapport Ghalih kien kaz ta' *bumper to bumper* . Jghid li pero lill-pulzija veru kien qalilhom li ma kein laqat l-ebda vettura ghall-ewwel u li lanqas ma kien qalilhom ghall-ewwel li Glenn beda jghajru u li beza minnu u li ghalhekk saq 'l hemm biex jevita incident.

Mistoqsi jekk dak li qalet Valerie Scerri kienx minnu jghid li ma kienitx il-verita li qalet.

Semghet lill-partijiet jittrattaw dan il-kaz u dan fis-seduta tas-7 ta' Lulju, 2020 .

Ikkunsidrat.

Illi ma hemmx dubbju li l-appellant biddel il-versjoni tieghu dwar dak li kien sehh u dan ghaliex fl-ewwel inkontru mal-pulizija ftit wara li sar ir-rapport tal-incident minn Glenn Farrugia l- ghassa, meta mitlub jispega x'kien gara jghid li huwa ma laqat l-ebda vettura huwa hu sejjer lejn iz- Zurrieq ghand it-tfajla tieghu. Pero l-ghada fid-29 ta' Mejju, 2018 minn rajh din id-darba mar l-ghassa u tahom versjoni differenti ta' dak li kien allegatament gara. Qal li s-sewweiqa tas- Suzuki kien qed isuq warajh u dan lahqu u kelmu hazin bl-ghajjat u li dan Glenn nizel mil-vettua ghal glied u kien ghalhekk li saq u l-appellant saq ghal waraajh u baqa' diehel go fih.

Iz zewg versjoinijiet huma kontradetti kemm mill-kwerelanti kif ukoll mix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni. Filwaqt li Glenn jghid li kien l-appellant li qabzu u dahal quddiemu ghall-gharrieda. Jghid li dahal go fih l-appellant, irriversja ghal fuqu u telaq 'l hemm. Din il-versjoni hija korroborata minn Michaela vella li ukoll tikkonferma li fil-fatt l-appellant irriversja ghal go fihom u telaq 'l hemm. Valerie Sceri xhud

independenti xehdet u ddeskriviet dak li rat dakinhar tal-incident. Spejgat is-sewqan tal-appellant ftit qabel ma sehh l-impatt u ghalhekk ikkonfermat li fil-fatt impatt kien hemm ghax semghatu. Tghid li kient qed issuq wara vettura misjuqa minn Glenn Chris Farrugia tal- ghamla Suzuki u li kien hemm van iswed li irrizulta li kien tal-appellant li beda jrossha. Qalet li f'xi hin l-appellant ghaddiha u pprova jidhol gol vettura ta' quddiemha u beda iross is Suzuki. Tghid li inexxilu jaqbez ukoll is Suzuki u saq ghal quddiemu u hija qabzihthom it- tnejn . Mill-mera rat li kien hemm l-impatt u ghalhekk waqfet.

Ma hemmx dubbju li x-xhieda tal–prosekuzjoni hija aktar kredibbli fic-cirkostanzi u ghandha aktar mis-sewwa. Huwa minnu li l-van tal-appellant ma jkollhiex hsara u dan ghaliex id-daqqa hadha fuq it- tow bar waqt li kif spejga anke is surgent il-hsara fuq il-vettura ta' Michaela Vella hija fuq quddiem .

Illi dwar l- hames akkuza kif tajjeb osservat id- difiza din ma tista tirrzulta qatt stante li l-vettura ma tappartjenix lil Glen Chris Farrugia u in oltre hemm nieqes il-prova dwar l-ispejjez involuti fir rigward tal hsarat soferti fuq din il-vetura Suzuki proprjeta ta' Michaela Vella u ghalhekk din il-Qorti qeda tillibera lill-appellant mill-hames akkuza.

Dwar ir-raba' akkuza u cioe li huwa naqas li jaghti l partikolaritajiet tieghu u dettalji tal vettura lill-pulizija jew Gwardjani lokali wara li kien involut f'incident din ukoll tirrizulta u dan ghaliex kien biss meta Glenn Chris Farrugia ghamel ir-rapport l-ghassa tal-pulizija li dan l-incident awtomobilistiku gie rapportat. Kif sqarr l-appellant stess ma l-impatt saq 'l hemm .Ghalhekk din l-kontravenzjoni tirrizulta ukoll.

Dwar it-tlett akkuzi l-ohra jidher li l-ewwel Qorti sabet lill-appellant hati ta' sewqan perikoluz li jinkludi fih iz-zewg l-akkuzi l-ohra ta' sewqan traskurt u sewqan bla kont.

Illi dwar l-ewwel imputazzjoni ta' sewqan perikoluz u t-tieni imputazzjoni ta' sewqan b' maniera traskurata, u t- tielet akkuza ta' sewqan bla kont gie ritenut minn din il-Qorti ripetutament li, jekk sewqan hux (i) negligenti ; jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi

kwistjoni ta' "degree". ( **Pul. vs. Charles Bartolo**[1] **; Pul. vs. Wilson**[2] **u Pul. vs. Alfred Vella**[3] ) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' taghhom, l-aghar is-sewqan perikoluz. (Pul. vs. Hardingham[4]. Gie ukoll ritenut li biex jintegra ruhu ir-reat ta' sewqan perikoluz , hemm bzonn ta' certu grad ta' "recklessness" (App. Krim. Pul. vs. Charles Farrugia[5]) "Recklessness" giet defenita bhala "wilfully shutting one's eye" (Pul. vs. Joseph Aquilina[6]. Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali ( **Pul. vs. Antonio Spiteri** [7].

Illi gie ukoll ritenut fl-Appell Kriminali : "**The Police vs. Gunner Brian Wilson**[8]" li :-

"*It is not easy to formulate in words the difference between dangerous driving and negligent driving. There are cases which are on the face of them glaring instances of dangerous driving. Other cases are absolutely cases of negligence. It is the borderline cases that require consideration in the light of the difference between negligent and careless driving on the one hand and dangerous driving on the other and where the difficulty arises. It is safe to say that the difficulty is a question of degree, which is in the sense that dangerous driving implies something more serious than mere careless driving.*" (ara ukoll f' dan is-sens : "**Il-Pulizija vs. Manwel Mallia**[9]" u "**Il-Pulizija vs. Charles Bartolo**[10]" )

---

[1] Deciz mill-Qorti tal-appelli Kriminali nhar l-14 ta' Marzu 1959

[2] Vol. XXXIX p. 1018

[3] Vol. XLIV ; p. 933

[4] Deciz mill-Qorti tal-appelli Kriminali nhar id-19 ta' Ottubru 1963

[5] Vol.XXXIX p. 1018.

[6] Deciz mill-Qorti tal-appelli Kriminali nhar l-20 ta' April 1963

[7] Vol. XLIV , p.892

[8] Deciz mill-Qorti tal-appelli Kriminali nhar is 7 ta'Mejju 1955

[9] Deciz mill-Qorti tal-appelli Kriminali nhar id 9 ta' Marzu 1959

[10] Deciz mill-Qorti tal-appelli Kriminali nhar l-14 ta' Marzu 1959 - Kollez. Vol. XLIII p. 1001 u p. 1016

Umbaghad fl-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Giuseppe Galdes**[11]" gie ritenut li ;- "*sabiex ikun hemm il-perikolu hemm bzonn li jkun hemm xi haga aktar mis-semplici vjolazzjoni ta' normi regolamentari* ."

"Biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz jehtieg mod ta' sewqan li juri certu grad ta' recklessness u nonkuranza tali li jigi krejat perikolu u mhux bizzejjed li fil-kaz partikolari kien hemm potenzjalita' ta' perikolu ." (ara. App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Charles Farrugia**[12]")

Insomma kif gie ritenut fl-appelli kriminali ta' Mallia u Bartolo fuq citati *"kriterju facli bejn sewqan negligenti w sewqan perikoluz ma hux facli li jigi stabilit , kif lanqas wiehed ma jista' jaghti definizzjoni preciza ta' sewqan perikoluz . Il-kwistjoni hija kollha wahda ta' "degree" u kull kaz ghandu l-fattispecji tieghu."*

Issa hu minnu li dawn l-akkuzi gew kollha michuda mill-appellant pero dak li stqarr l-appellant h ukotnradett mix-xhieda tal-prosekuzzjoni w li dan igib konflitt fil-provi. Pero' kif gie ritenut minn din il-Qorti mhux kull konflitt fil-provi ghandu necessarjament iwassal ghall-liberazzjoni tal-akkuzat. Imma l-Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali riminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux.(App. Krim."**Il-Pulizija vs. Joseph Thorne**" [9.7.2003] u ohrajn).

F'dan il-kaz, din il-Qorti tara li hija aktar attendibbli l-verzjoni ta' G;enn Chris Farrugia kif korroborata mit-tfajla Michaela vella li qalu kif effettivament l-appellant dahal quddiemhom hesrem u ostakolalhom it-triq sar l-impatt u wara irriversja ghal go fihom specjalmetn fid-dawl ta' dak li qalet x-xhud pajzan Valerie Sceri li stqarret li kienet ilha tara lill-appellant isuq iserrep, iross kemm lilha u wara lil Glenn Chris Farrugia u ratu

---

[11] Deciz mill-Qorti tal-appelli Kriminali nhar it-3 ta' Mejju 1953 - Kollez. Vol. XXXVII iv. p.1108

[12] Deciz mill-Qorti tal-appelli Kriminali nhar il-5 ta' Marzu 1955 - Kollez. Vol. XXXIX, iv. p.978

ukooll ibidddel l-kareggjati . Jinghad ukoll li l-appellant ma kienx konstanti b'dak li qal u biddel il-versjoni tieghu minn wahda fejn stqarr li ma kien gara xejn ghal wahda fejn allegatament kien imbezza mill-kwerelant u li saq 'l hemm biex jevita incident aktar gravi.

Pero', meta analizzat id-dinamika tal-allegat sewqan hazin tal-appellant fid-dawl tal-gurisprudenza fuq citata, din il-Qorti hija tal-fehma li s-sewqan tal-appellant kienet wahda perikoluza tant li waslet ghall–incident mertu tal-kawza. Il-motivazzjoni ghala din il-Qorti qed issib lill-appellant hati ta' sewqan perikoluz hi bazata fuq id dinamika tal- incident kif deskritt mix xhieda tal- prosekuzzjoni.

Ghalhekk din il-qorti filwaqt li qeda tilqa' l-appell tal-appellant fir-rigward ta' konferma ta' liberazzjoni fir- rigward tat-tieni u tielet akkuza (minkejja li l-ewwel Qorti kellha tiddikjar ali dawn iz-zewg akkuzi uhuma komprizi fl-ewwel akkuza) qeda tilqa' l-appel tieghu ukoll fir-rigward l- hames akkuza fis-ens li qeda thassar il-kundanna moghtija mill-ewwel Qorti fir-rigward ta' din il-hames akkuza u qeda tilliberah minnha ukoll. Pero qeda tichad l-appell tal-appellant fir rigward tat talba tieghu biex tirrevoka l-htija fir-rigward ta' l-ewwel u r-raba akkuza u dan ghaleix dinil-Qorti tiddikajr ali tali zeg akkuzi jirrizultaw u ghalhekk qed tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti sabitu hati taghhom.

Dwar il-piena din il-Qorti rat li l-ewwel Qorti kienet ikkundannat lill-appellant ghal piena ta' multa ta' elf u mitejn euro (€1,200) u ordnat l–iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan ghal perijodu ta' tlett xhur. Jinghad li dwar l-iskwalifika ma hux il-kaz li ikun hemm varjazzjoni stante li din il-Qorti qed issib lill-appellant hati ta' sewqan perikoluz u skond l-artikolu 15 (2) tal-kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta tali skwalifika ma tistax tkun għal żmien ta' anqas minn tliet xhur konsegwentment tali skwalifika qed tigi konfermata. Dwar il-multa imposta jinghad ukoll li skond l-artikolu 15 (1) proviso kul min jinstab hati ta' sewqan perikoluz jigi kundannat 'il-piena tal-multa ta' mhux iżjed minn elf u mitejn euro (€1,200) jew tal-priġunerijata' mhux iżjed minn sena' u

konsegwente,ment din il-Qorti hija priva mili tirriduci l-multa inflitta. Ghalhekk tali multa qed tinghata komplessivament ghaz- zewg akkuzi li taghhom intab hati u cioe ta' l-ewwel u ir-raba' akkuza.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur